MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 808/1998/2

**Esther Chetcuti, armla ta' Paolo, f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' l-assenti Nathalie mart Baldassare Saliba, u Filomena mart Joseph James u Josephine Zerafa mart Mario, in-nisa miżżewġa bl-intervent u l-assistenza tar-rispettivi żwieġhom**

***Versus***

**Francis Chetcuti; u b'dikriet tas-6 ta' Diċembru 2000 l-atti ġew leġittimati f'isem Anthony, Martin, Doris mart Anthony Micallef, Mary Rose mart Salvatore Susino, aħwa Chetcuti, u l-armla Maria Assunta Chetcuti għal kull interess li jista' jkollha**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu s-sehem li jmiss lilhom mid-dħul minn ħanut illi, għalkemm mikri lill-partijiet flimkien, kien imexxih il-konvenut Francis Chetcuti waħdu.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-partijiet flimkien għandhom il-kiri tal-ħanut li jismu *Opera Bar*, numru 6, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, u illi, skond sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 [*recte*, fl-20] ta' April 1995, it-tmexxija tal-

ħanut mill-konvenut waħdu kellha tintemm. Kull tentativ li sar biex iseħħ dak li riedet is-sentenza kien għalxejn, u, għalkemm is-sentenza temmet il-jedd tal-konvenut illi jmexxi l-ħanut waħdu, hu xorta baqa' għaddej u b'hekk stagħna bit-telf ta' l-atturi.

L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tillikwida dak li għandhom jieħdu l-atturi mit-tmexxija tal-ħanut minn dakinhar li ngħatat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell sa meta l-fond jingħata kif jixraq lill-atturi; u

2. tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma hekk likwidata flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-kawża hija intempestiva u prematura għax l-atturi ma għandhomx jedd għal xi ħlas mit-tmexxija tal-ħanut iżda biss li jitolbu kif għandha sseħħ it-tmexxija mill-partijiet flimkien;

2. il-kawża ma saritx sew u hija "ritwalment nulla", għax l-atturi kellhom qabel xejn jitolbu illi l-konvenut jagħti kont tat-tmexxija u mhux jitolbu likwidazzjoni; u

3. l-atturi ma għandhomx jistagħnew bit-telf tal-konvenut.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Il-konvenut Francis Chetcuti u ħuh Paolo, awtur ta' l-atturi, kienu jmexxu flimkien ħanut bl-isem *Opera Bar* fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, li kien mikri lilhom flimkien. B'kitba tal-21 ta' Marzu 1973 Paolo kien ċeda għal xi żmien is-sehem tiegħu lil Francis, bi ħlas ta' ħames mija u għoxrin lira (Lm520) fis-sena, u telaq lejn il-Canada. Il-ħanut baqa' jmexxih Francis.

Wara xi żmien Paolo miet u l-armla u wliedhom, l-atturi tallum, ġew lura Malta, u riedu li jerġgħu jkollhom sehem fit-tmexxija tal-ħanut. Billi ma waslux fi ftehim ma' Francis, fl-1991 fetħu kawża[1] u talbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-ftehim tal-21 ta' Marzu 1973 ma għadux aktar fis-seħħ u għalhekk is-sitwazzjoni kellha tmur lura għal li kienet qabel;

2. tagħti lill-atturi t-tmexxija tal-ħanut, skond il-ftehim li kien fis-seħħ qabel (illi l-partijiet imexxu l-ħanut sena kull waħda), b'seħħ minn dik is-sena; u

1 Citaz. nru 114/1991.

3. tiddeċiedi kif il-partijiet kellhom igawdu l-kirja flimkien.

Il-kawża nqatgħet finalment b'sentenza tal-20 t'April 1995 meta l-Qorti ta' l-Appell iddeċidiet hekk:

… … … tilqa' l-ewwel talba ta' l-atturi u tiddikjara illi mal-għeluq tas-sentejn li jmiss il-ħanut għandu jirritorna f'ġestjoni komuni bejn il-partijiet. Tiċħad però t-tieni talba għax … … … dal-ftehim pre-eżistenti ma ġie ipprovat bl-ebda mod. Finalment … … … tikkonferma wkoll id-deċiżjoni ta' l-ewwel qorti [fejn kienet qieset it-tielet talba "intempestiva"] … … …

Il-Qorti ta' l-Appell qalet ukoll illi, biex il-qorti tgħid kif għandu jkun amministrat u gawdut il-ħanut illi l-partijiet flimkien għandhom b'kiri, "trid issir ċitazzjoni *ad hoc*".

Wara li għaddew is-sentejn imsemmija fis-sentenza, li matulhom il-ħanut baqa' f'idejn il-konvenut Francis Chetcuti, l-atturi fetħu kawża biex il-qorti tgħid kif għandu jitmexxa l-ħanut fl-interess taż-żewġ partijiet[2] u fetħu wkoll din il-kawża tallum. Iż-żewġ kawżi nstemgħu flimkien u s-sentenza fil-kawża l-oħra ngħatat illum ukoll.

Waqt li kienu mexjin il-kawżi miet Francis Chetcuti, u l-kawża tkompliet f'isem l-armla tiegħu Maria Assunta u f'isem uliedu, u xi żmien wara l-ħanut ingħalaq u llum huwa vojt.

Il-konvenut kien marbut, skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-20 t'April 1995, iħalli illi l-ħanut jitmexxa miż-żewġ partijiet; minflok, baqa' jmexxi l-ħanut waħdu u lill-atturi la ħalliehom jieħdu sehem fit-tmexxija u lanqas ma tahom sehem mill-qligħ. Billi ċaħħadhom mis-sehem li kien imiss lilhom, it-talba ta' l-atturi sabiex jingħataw ħlas ta' sehemhom għandha tintlaqa'. L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

It-tieni eċċezzjoni tgħid illi l-atturi kien imisshom, qabel xejn, talbu illi l-konvenut jagħti kont ta' l-amministrazzjoni tiegħu.

Jekk u safejn dik it-talba kienet meħtieġa, saret biżżejjed fit-talba ġenerika li ssir fil-parti stampata taċ-ċitazzjoni fejn tgħid: "premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni". L-eċċezzjoni ta' nullità hija għalhekk miċħuda.

---
2 Citaz. nru 780/1998.

Madankollu, likwidazzjoni tas-sehem li jmiss lill-atturi ma tistax issir għax il-konvenut ma ippreżentax kopja tal-kontijiet, u l-qorti hija tal-fehma illi likwidazzjoni *arbitrio boni viri*, fiċ-ċirkostanzi, tkun arbitrarja wisq. Fil-fehma tal-qorti jkun aktar xieraq, biex isir il-ħaqq bejn il-partijiet u biex ebda parti ma tistagħna bit-telf ta' l-oħra, illi, għalkemm is-sehem tal-partijiet huwa ta' nofs kull waħda, l-atturi għandhom għal xi żmien jieħdu sehem akbar biex ipattu għaż-żmien meta kienu mċaħħda minn sehemhom.
Dan ir-rimedju ngħata bis-sentenza li ngħatat illum fil-kawża numru 780/1998, fejn il-qorti ordnat illi, għall-ewwel għaxar snin, l-atturi jieħdu ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) mill-qligħ tan-negozju u l-konvenuti jieħdu ħamsa u għoxrin fil-mija (25%). Għalhekk ma huwiex meħtieġ provvediment ieħor.
L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom iħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------